MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2011

Numru. 1046/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Giorgio Falzon ta’ 75 sena, iben Lorenzo u Rita nee’ Muscat, imwield il-Pieta’ fit-28 ta’ April 1935 u residenti Blk A, Flat 4, Triq Notabile, B’Kara, detentur tal-karta ta’l-identita’ numru 356435(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Giorgio Falzon li permezz taghha huwa gie akkuzat talli fit-12 ta’ Awissu kif ukoll fil-granet ta’ qabel dina d-data gewwa zewgt ikmamar fi Triq il-Hofor, f’Wied is-Sewda limiti ta’ Hal Qormi:

1. bhala persuna li zamm jew qabel li izomm annimali gieghel lill-istess isofru ugiegh, tbatija, dwejjaq minghajr bzonn u ma kellhomx post dicenti fejn dawn jistriehu; u aktar talli

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuna li zamm l-annimali jew qabel li izomm annimali naqas li jkun responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom; u aktar talli
3. zamm sitt iklieb ta' eta' 'l fuq minn sitt xhur bla ma hallas il-licenzja lill-Kummissarju tal-Puliizja.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi,

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tas-7 ta' Ottubru, 2009, sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat,

Illi mill-qari ta'l-akkuzi migjuba kontra l-imputat jirrizulta illi l-imputat qieghed jigi addebitat lilu ir-reat dwar il-mohqrija ta'l-annimali. Mill-provi akkwiziti f'dina l-kawza jirrizulta illi l-imputat li huwa ragel anzjan ta' hamsa u sebghin sena ghandu kamra f'Wied is-Sewda gewwa Hal Qormi li fiha huwa izomm xi klieb li jallega li huwa jigbor mit-triq u cioe' klieb li huma abbandunati. Isostni l-imputat illi huwa jipprova jaghtihom il-kura li ikunu jinhtiegu, post fejn jorqdu u ighixu minghajr ma joqghodu jiggerrew fit-triq barra. Jidher madanakollu illi l-imputat ma huwiex qieghed jaghmel dana bl-ahjar mod possibbli tant illi huwa gie irraportat b'mod anonimu lid-Dipartiment ghal Harsien ta'l-Annimali.

Jidher illi meta l-ispetturi fi hdan id-Dipartiment accedew fuq il-post flimkien mat-tabib veterinarju Patrick Caruana huma sabu sitt iklieb fuq il-post, tlieta tar-razza *pitbull* u tlieta ohra tar-razza *Egyptian Pharoah Hounds* jew 'l hekk imsejjah razza "tal-fenek". Illi l-klieb kienu marbuta b'cinga qasira u bhala post fejn jorqdu huma kienu qed jorqdu fuq xi *pellets* ta'l-injam. Huma kellhom xi laned bl-ikel li kien jikkonsisti f'xi hobz u ghagin u jidher illi kien hemm xi laned b'ilma mahmug. L-ambjent fejn kienu qed jigu mizmuma lanqas ma jidher illi kien xi wiehed ideali peress illi l-kmamar kien fihom il-hmieg, trab ma'l-art u anke xi ghamara miksura. Mix-xhieda tat-tabib veterinarju u tal-*animal welfare officers* Emmanuel Buhagiar u Godric Marston jidher illi tnejn minn dawn il-klieb ma kenux fi stat ta' sahha tajba. Wiehed mil-*pitbulls* kien rqiq hafna u jidher illi kellu xi marda fl-imsaren. Il-pil tieghu ukoll ma kienx f'kundizzjoni tajba tant illi kien hemm xi zoni fejn huwa ma kellux pil. Minbarra dana il-kelb jidher illi wiehed mill-klieb "tal-fenek" kien ukoll fi stat hazin. Kien irqiq kellu xi bnadi tul daharu ukoll fejn ma kellux pil u kellu xi qxur fil-kulur bejn l-abjad u l-isfar li kienet tindika li kellu infezzjoni fil-gilda. Dawn iz-zewgt iklieb ittiehdu mid-Dipartiment w inzammu fi kwarantina.

Illi l-imputat isostni illi huwa kien jiehu hsieb dawn il-klieb jitmaghhom b'mod regolari u cioe' darba fil-ghodu u darba fil-ghaxija, kien jehodhom ghand it-tabib veterinarju tieghu Dr. Annette Borg u kien jaghtihom il-kura u l-medicina li kellhom bzonn. Fil-fatt l-imputat indika lit-tabib veterinarju il-medicina li kien qed jaghtihom u anke wera dina l-medicina lil Qorti. Jghid illi huwa kien izomm il-klieb marbuta b'cinga qasira ghaliex jekk ic-cinga tkun twila jithabblu fiha u jispiccaw iwegghu. Isostni wkoll illi kien iraqqadhom fuq il-pellets ta'l-injam billi jekk jaghmlilhom xi kutri allura jimtlew bil-brijed.[1] Huwa jibqa' isostni u jghid illi huwa qatt ma kellu intenzjoni jahqar lil dawn l-annimali izda kien jigbor dawn l-annimali minn barra u jipprova jikkurahom. Il-klieb tal-fenek kien jehodhom mieghu ghal kacca tal-fniek u l-ohrjan gieli johroghom passiggata.

[1] Ara stqarrija ta'l-imputat Dokument MB a fol.38 u ix-xhieda ta'l-imputat a fol.53

Ikkunsidrat,

Illi il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi l-klieb mizmuma mill-imputat ma kenux qed jinzammu fl-ahjar kundizzjoni possibbli. Klieb ma jistghux jinzammu marbuta b'cinga qasira minghajr ma ikollhom bizzejjed spazju biex jaghmlu dak l-ezercizzju li ikollhom bzonn. Iridu jigu mizmuma f'ambjent nadif fejn ma ikunx hemm periklu li huma jiehdu xi infezzjonijiet u mard iehor marbuta man-nuqqas ta' igjene. Jidher illi l-post fejn l-imputat kien qieghed izomm dawn il-klieb ma kienx wiehed idejali tant illi l-klieb ma fiequx mill-kundizzjonijiet fizici li kellhom ghalkemm l-imputat jghid illi kien qieghed jikkurhom. Jidher madanakollu illi kienu tnejn minn dawn il-klieb biss li ma kenux fi stat ta' sahha tajba peress illi l-erba' l-ohra jidher illi ma kellhomx xi mard u b'mod generali l-istat fiziku taghhom kien wiehed tajjeb. Dana johrog b'mod car mir-rapport imhejji mit-tabib veterinarju Patrick Caruana dwar dak illi huwa irriskontra meta mar fuq il-post u ezamina il-klieb.[2]

Illi l-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellem dwar it-trattament xieraq ta'l-annimali jiddisponi illi : "***L-ebda animal ma ghandu jigi imgieghel isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, l-ebda animal ma jista' jigi abbandunat.*"** Din hija inkwadrata fl-ewwel akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputat. Illi dina l-Qorti tistqarr illi meta giet biex tifli l-atti pocesswali ma irrizulta minn imkien illi l-imputat haqar dawn il-klieb b'mod volontarju. L-imputat kif gie sottolinjat aktar 'il fuq huwa ragel anzjan ta' 75 sena. Certament li ma giex imghallem kif illum it-tfal jigu mghallma anke fl-iskejjel dwar dak li ghandu jkun it-trattament xieraq ta'l-annimali. Dina l-Qorti li kellha l-opportunita' tisma' lill-imputat jixhed, tifhem illi l-imputat bil-limitazzjonijiet tieghu kien qieghed jipprova jiehu hsieb dawn l-annimali. Jidher madanakollu illi ma kienx qed jirnexxielu jaghmel dana b'success. Per ezempju s-soluzzjoni ghalih biex il-klieb ma ikollhomx infestazzjoni tal-brijed kien illi jraqqadhom fuq il-pellets ta'l-injam bil-konsegwenza li dawn anke rabbew il-kallijiet

[2] Ara Dokument PC a fol.27

minhabba f'dan. Il-klieb b'dana il-mod kienu qeghdin ibatu u l-imputat naqas milli jipprovdilhom *bedding* xieraq u milli jiehu l-prekawzzjonijiet kollha li llum jistghu jittiehdu facilment permezz ta' diversi prodotti li hawn fuq is-suq sabiex ma jkunx hemm *flea infestation*. Huwa certament ma ghamilx dana sabiex jahqarhom, izda ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom. L-imputat kellu ir-responsabbilta illi jiehu hsieb b'mod xieraq l-annimali li jkunu fil-kura tieghu, izda dana ma ghamlux. L-imputat irid jifhem illi huwa ma ghadux fl-istat fiziku li kapaci jrabbi sitt iklieb. It-trobbija ta'l-annimali tinhtieg dedikazzjoni shiha u l-ebda persuna li ma tkunx tiflah ghal dana ix-xoghol ma ghandha tintriga tiehu hsieb annimali abbandunati izda minflok ghandha tirraporta l-istess lill-awtoritajiet ikkoncernati sabiex jiehdu il-mizuri kollha li hemm bzonn. Ghaldaqstant ghalkemm l-imputat ma jistax jinstab hati tar-reat ikkontemplat fis-subartikolu 2 ta'l-artikolu 8, madanakollu certament huwa hati tar-reat ikkontemplat fis-subartikolu 3 li jiddisponi testwalment: **"*Kull min izomm l-annimali jew jaqbel li jzomm l-annimali ghandu jkun responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom*."**

L-imputat isostni illi huwa kien jikkurra lil dawn il-klieb ghand it-tabiba veterinarja Dr. Annette Borg, izda meta dina x-xhud ingiebet tixhed, hija stqarret li ghalkemm l-imputat huwa klijent taghha u gieli ikkuratlu xi klieb, izda kienet ilha madwar hames snin ma tarah. Inoltre ghalkemm l-imputat iressaq liz-zewgt itfal tieghu jixhdu dwar kemm kien jitma il-klieb, madanakollu meta mistoqsija in kontro-ezami jekk qatt accedewx fuq il-post u raw il-klieb in kwistjoni huma wiegbu fin-negattiv. Finalment anke mix-xhieda ta' Dr. Patrick Caruana jirrizulta illi ghalkemm l-imputat beda isostni illi huwa kien jaghti xi medicina lil klieb, madanakollu jidher illi anke is-siringi li kien qed juza kienu mahmuga u sahansitra imsaddin! Ghalhekk huwa ippruvat il hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat ma kiex responsabbli fit-trattament xieraq ta' dawn l-annimali tant illi uhud minnhom spiccaw fi stat iddeterjorat.

Illi ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta'l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu u dana peress illi il-*mens rea* ghal kummissjoni ta'l-istess ma giex sufficjentement ippruvat, izda ser issibu hati tat-tieni akkuza ghal motivi hawn fuq premessi.

Illi finalment l-imputat huwa akkuzat illi zamm il-klieb minghajr licenzja tal-pulizija. Huwa fatt mhux ikkontestat illi l-imputat kien qieghed izomm sitt iklieb li kollha kemm huma kellhom 'il fuq minn sitt xhur minghajr licenjza mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dana kif mehtieg fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 312 tal-Ligijiet ta' Malta. Dana huwa ikkonfermat mix-xhieda ta' PS1504 Sunny Caruana[3] kif ukoll mill-fatt illi l-imputat ma gab l-ebda prova dwar l-eta tal-klieb.[4] Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi l-imputat kellu sitt iklieb u allura huwa ghandu jehel piena ghal kull kelb li huwa zamm minghajr licenjza valida. Illi f'sentenza moghtija fit-23 April 1960 fil-kawza fl-isimijiet Il-Pulizija vs Angelo Busuttil (App Krim. Inf.) gie deciz:

**"Minn izomm iktar minn kelb wiehed u ma ikollux licenzja tal-Pulizija biex izomm klieb, ghandu jigi ikkundannat ghal piena ghal kull kelb li ikollu u mhux ghal piena wahda ghal klieb kollha."**

Inoltre l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 312 jiddisponi illi "tkun mehtiega licenzja separata ghal kull kelb."

Ghaldaqstant ghal motivi hawn fuq premessi, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tat-tieni u it-tielet akkuzi u wara li rat l-artikolu 8(3) u l-artikolu 45(1) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 17 tal-Kapitolu 312 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 17(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ihallas multa komplessiva ta' €500.

---

[3] Ara xhieda a fol.40

[4] Is-subinicz 3 ta'l-artikolu 3 jiddisponi illi l-prova li l-kelb ma ikollux izjed minn sitt xhur tken ghal persuna li izzomm il-kelb.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------